NEWSPAPER POST

# LEĦEN IL-GIRGENTI

MAĦRUĠ MILL-KUMITAT MADONNA TAL-KONSAGRAZZJONI

No. 19 LULJU 1994 JITQASSAM BLA ĦLAS

## IL-PELLEGRINAĠĠ TA' MEJJU 1994

Illum kulħadd jaf li kull sena f'Mejju nagħmlu l-festa tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni jew tal-Girgenti; il-festa tar-Reġina tal-Paċi kif il-Madonna trid tissejjaħ.

Din id-darba, Ġuża Mifsud għamlet appell fil-gazzetti lokali biex id-Devoti tal-Madonna ma jonqsux milli jattendu għall-pellegrinaġġ li kellu jsir fit-8 ta' Mejju fis-6.00 p.m. Fl-appella tagħha Ġuża qalet:

"Bħal ma jaf kulħadd, id-dinja għaddejja minn affarijiet koroh: gwerer, mibegħda, nuqqas ta' paċi... Dawn mhumiex sinjali sbieħ. Huma sinjali li għandna bżonn nersqu aktar lejn Alla. Kulħadd jgħajjat bil-paċi, u l-paċi donnha ma tistax tasal.

Hemm bżonn li kulħadd jidħol fih innifsu u ma nkunux egoisti. Sirna kważi kulħadd jaħseb fih innifsu biss, għalih innifsu u ma jaħsibx f'ħaddieħor. Imma jekk se nibqgħu sejrin hekk mhux ser ikollna paċi ġenwina fid-dinja għaliex il-gwaj qed jikber.

Nerġa' ntenni l-istedina tiegħi għal-laqgħa ta' għada sabiex nitolbu 'l Alla jħenn għalina, mhux biss ġo Malta u Għawdex, imma wkoll għall-bnedmin tad-dinja kollha.

Nitolbu għall-Qdusija Tiegħu il-Papa, l-Isqfijiet u s-Saċerdoti kollha. Nitolbu ukoll għall-Mexxejja tal-Ġnus sabiex jimtlew bl-umiltà, issaltan l-għaqda bejn kulħadd, u jkollna l-paċi vera, il-paċi dejjiema."

Għal dan il-pellegrinaġġ ħadet sehem folla kbira li ftit rajna bħala fl-imgħoddi. Fost in-nies li ġew, kien hemm uħud li żaru l-Girgenti l-ewwel darba. Oħrajn, mhux ftit, gew saħansitra minn Għawdex. Fl-aħħar tal-laqgħa tqassmu rikordi żgħar imberkin mill-Madonna li, min-naħa tagħha, żgur ma naqsetx ixxerred il-grazzji, spiritwali u temporali fuq kull wieħed minna skond il-bżonnijiet tagħna.

Siltiet mid-diskors ta' Ġuża jidhru f'fuljett ieħor.

## AVVIŻI

1.
Fil-fuljett li ħriġna f'April jidher in-No. 20 waqt li kellu jidher No.18. għalhekk kien hemm min talabna in-numri 18 u 19 li ħasbu li kienu neqsin. Navżaw li dak kien żball; għalhekk nitolbu li tħassru n-numru 20 u tagħmlu No. 18.

2.
Il-ħames ktieb bil-Malti "Titular Ġdid..." dalwaqt ikun għall-bejgħ għax qed jiġi stampat. Dan il-ktieb se jkollu aktar minn paġna u fih il-messaġġi importanti li Ġuża tagħtina fil-laqgħat ta' talb.

3.
Ir-raba' ktieb bl-Ingliż ġie ppubblikat u qiegħed għall-bejgħ. Nirrikmandawlkom ixxerrdu dawn il-kotba barra minn Malta permezz tal-emigranti Maltin.

4.
Id-data tal-laqgħat tar-Rużarju li jsiru il-Girgenti, se jibdew jiġu mxandra fuq il-Posters li juru id-dati ukoll tal-Laqgħat ta' Talb.

5.
Nirringrazzjaw lil dawk kollha li kkontribwew biex jitħallsu l-ispejjeż ta' dan il-fuljett.

---

DIKJARAZZJONI: Il-Bord Editorjali ta' dan il-Fuljett jiddikjara li, bl-ebda mod, ma jrid jgħaddi ġudizzju fuq dak li hu soprannaturali fil-fatti msemmija hawnhekk. Dan il-ġudizzju jistennieh mill-Awtorità tal-Knisja.

Veritas Press - Żabbar

# SILTIET MINN

**FRAR 1994**

"Il-Madonna tal-Konsagrazzjoni hija l-Madonna tal-Paċi, trid ħafna paċi l-Madonna... Jiena mill-bieraħ filgħaxija kont naf li aħna tal-Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni qegħdin naħdmu ħafna għall-paċi. Għandna nkomplu naħdmu ħafna għall-paċi u nagħmlu ħafna kuraġġ għax il-Moviment tagħna huwa msejjes fuq l-aqwa teżori li għandu Alla: Ġesù ta' l-Ewkaristija u l-Madonna."

**MARZU 1994**

"Id-dinja qegħda tieħu ħafna affarijiet minn dawn il-laqgħat li qegħdin isiru hawn fuq u ma naqtgħux qalbna... Il-Madonna kuntenta ħafna b'dan it-tempju għax qegħdin nagħmlu ħwejjeġ kbar, mhux għalina l-Maltin u l-Għawdxin, u nitolbu ħafna għal-dawk li qegħdin jagħtuna nġustizzji... għax ma jarawx il-ħażen li hawn ġo Malta u mhux jaraw l-affarijiet li tant qed torġanizża l-Madonna? Il-Madonna jisgħobiha għal dawn l-affarijiet tafux. Il-ħażen m'aħniex narawh u t-tajjeb jiġi ppersegwitat, dan mhux sew...

Jiena ħa ngħidilkom li rajt u għadni nara l-Madonna sal-ġurnata mqaddsa u għażiża minn tal-lum u ma noqogħdux nitraskurawhom dawn l-affarijiet għax jekk ħa noqogħdu nitraskurawhom u ma nagħtux ċans għal dak li qed tgħidilna l-Madonna tafu intom x'qed jiġri. Ta' l-Awtorità jistgħu jagħmlu bħalma sar bnadi oħra, li jittestjaw ċertu affarijiet...

U jiena li wasalt biex nagħmel din is-silta llum ngħidilkom illi l-Madonna qaltli ħafna, mhux fuq it-tinda qaltli l-Madonna, mhux fuq li għamilna imma l-Madonna trid illi hemm fuq tkompli ssir u tingħamel ir-rieda ta' Alla... Jiena rrid ngħid lid-dinja kollha li għandna bżonn inħejju ħafna ruħna biex aktar inkunu nafuh lill-Mulej, u mhux kif qegħda tgħid id-dinja bħalissa li bil-Mulej u bla Mulej xorta d-dinja kienet issir. Dan li qegħdin jgħidu x-xjenzjati ...

Irridu nintenzjonaw ruħna u ma jkollniex grajjiet li l-Mulej Alla ta' l-Eżerċiti jġagħluh illi jwasslilna xi ħaġa... Naf x'qed ngħid tafux għaliex jiena rrid ngħid b'dan mhux lill-Kumitat, mhux lill-membri kollha tal-Moviment, mhux kull min jismagħni fin-naqra ta' Malta u Ghawdex imma lid-dinja kollha. Għandna bżonn inħejju ruħna għat-talb u l-penitenza, nishru u nitolbu, ikollna fiduċja f'Alla, ikollna fiduċja f'Ġesù illi



qiegħed fl-artali kollha tad-dinja u ma nibqgħux inweġġgħu il-qalb ta' Alla b'dawn l-afarijiet għaliex il-qalb ta' Alla qegħda tkun imweġġa' ħafna meta jara illi qegħdin inkunu kalvarju ta' xulxin u dan tafu d-dinja kollha, qegħdin inkunu kalvarju ta' xulxin permezz ta' dawn il-gwerer...

Il-Madonna qaltli, "għidilhom illi jiena qed nagħtihomlok dawn l-affarijiet spiritwali... toqgħodx tibża' tgħidilhom." U jiena ngħidilkom illi jiena tant jiena ma niswa għal xejn, tant ma nistax naddatta ruħi bl-iskola imma jiena kif kelli nkun naf f'din il-ġurnata li l-Mulej ma jinqediex bin-nies ta' l-iskola għax ta' l-iskola jinqdew bl-iskola bis-suppervja. Iridu ħafna, skużawni, min isellmilhom għax bl-iskola... kif stajt nifhem jiena mill-Madonna hemm ftit min jeduka ruħu fl-iskola għat-tajjeb spirtiwali imma mbagħad hemm oħrajn li le...

Jiena dejjem għidt: imħabba, paċi, inneħħu l-ġlied, inneħħu l-mibegħda ta' bejnietna. U anka rrid ngħid xi ħaġa... F'qalb il-Maltin u l-Għawdxin qiegħed jintnebbet xi ħaġa u l-Mulej iridna li naġixxu bil-paċi lejn xulxin u mhux bil-mibegħda...

Jiena ngħidilkom, nagħmlu kuraġġ, inqawwu qalbna biex ġo Malta tiġina l-kewkba tal-paċi u minn ġo Malta toħroġ il-paċi... Jiena ma nafx x'waħda din kif sibna ruħna f'din is-sitwazzjoni. Dan m'hawnx fiex wieħed jinħela. In-nies ta' l-Awtorità, anka tal-Knisja, hemm bżonn illi aktar jitħeġġu biex inrazznu l-affarijiet ta' dawn is-setet u anka jagħtu każ tal-

grajjiet li għamlet il-Madonna miegħi fil-Girgenti u anka mhux fil-Girgenti...

Ħuti maħbubin, taħsbux li l-Madonna qegħda kuntenta, il-Madonna għajnejha bid-dmugħ... Il-Madonna ma jonqosha xejn, qegħda fil-glorja ta' Alla issa għal dak ix-xogħol li ħadmet fid-dinja, hi u l-Iben tagħha Ġesù, imma meta tara dan il-Kalvarju u dan id-dlam li għaddej mid-dinja, il-mibegħda, dan il-qtil... għax hawn ċertu nies għadhom iridu qishom isallbu lil Ġesù mill-ġdid...

Aħna f'Malta irirdu l-għaqda, l-imħabba u l-paċi ta' Alla. Lill-Madonna nagħmillha, "Meta ħa tibdielna l-paċi ġo Malta?" Qaltli, "Qed titbiegħed il-paċi għax il-bniedem qiegħed isir wisq materjalista." Ħuti maħbubin ma nsirux hekk... Nitolbu, nitolbu ħafna għall-bżonnijiet tar-Russja, tal-Ġappun, ta' l-Amerika, tal-Jugoslavja, għall-bżonnijiet ta' fejn hemm il-gwerer għax, x'waħdadin, il-gwerer mhux qegħdin jitbiegħdu mid-dinja, il-gwerer aktar qegħdin jaħbuhom biex joħorġu f'salt...

Nagħmlu kuraġġ , inqawwu qalbna u ngħidulu lil Alla, "Aħna rriduk, inħobbuk; nistqarruk quddiem kulħadd u ma nibżgħu minn ħadd. Mid-dnub biss għandna nibżgħu. Meta ngħidu nibżgħu minn Alla biex insiru nħobbuh lil Alla... Alla ma ħalaqx id-dinja biex jagħmlu l-bniedem skjav. Il-bniedem huwa bniedem. Anke annimal trid iġġiblu rispett aħseb u ara bniedem...

## APRIL 1994

"Hawn ħafna nies li l-għuda tas-salib ma jridux jafu biha għax jgħidu li lil Alla ma jafuhx. Alla, fejn hu Alla? F'kull wieħed u f'kull waħda minnkom qed nara lil Alla jiena. Kunu afu ħbieb li l-fidi hija l-aqwa don ta' Alla. Min m'għandux fidi m'għandu xejn...

It-tbatija ta' Kristu kienet kbira ħafna u Kristu għadu jbati... Ibati f'kull marid, ibati meta jara dawk l-iġsma, katavri, maħruqin fi gwerra, qiegħed ibati meta jara din il-mibegħda fostna, meta jgħidu kontra l-isqfijiet u s-saċerdoti. Għandna ftit saċerdoti laxki, imma għandna minn hu tajjeb u min hu qaddis... Il-Mulej ma jridx nies suppervi, nies fl-umiltà jrid il-Mulej...

Id-dinja tant hi ħarxa, tant id-dimonju ħareġ 'il barra minn qoxortu u minn dawk id-dlamijiet ta' l-Infern u qegħdin jinfexxu f'erwieħ qaddisa... Insibu li dan tad-dlamijiet (ix-xitan) jidħol f'dawn ir-rapprezentanti tal-ġnus. Jippridkaw u jgħajtu kemm jifilħu bil-paċi u jekk dawn m'għandhomx lil Alla fihom kif trid tiġi l-paċi fid-dinja? Lil Alla qatt ma jsemmuh dawn in-nies... Dlam, dlam hawn fid-dinja u jekk ħa nibqgħu sejrin kif aħna sejrin aktar ħa jiġi dlam... Nitolbu lil Alla biex Alla jrattbilhom qalbhom, ma jkomplux jagħmlu qalbhom iebsa u jifferoċjaw b'dawn il-gwerer u dan il-qtil ta' ħafna nies innoċenti... "

Ġuża qalet li għall-laqgħa ta' Mejju hi stiednet lill-Arċisqof, lill-President ta' Malta, lill-Prim Ministru u lill-Kap l-Oppożizzjoni. Silta minn din l-ittra stedina tgħid hekk: "Għandna bżonn li kulħadd jidħol daħla fih innifsu u ma nkunux egositi. Sirna kulħadd jaħseb għalih innifsu, imma jekk ser nibqgħu sejrin hekk mhux ser ikollna paċi genwina fid-dinja, mhux ħa jkollna paċi għaliex il-gwaj fid-dinja qed dejjem jikber.

F'dan iż-zmien tar-Randan u anka wara għandna nitolbu minn qalbna għall-paċi, naħsbu aktar fil-Mulej għax kull bniedem li jidher quddiem Alla irid jidher b'dawk l-affarijiet li jkun għamel fid-dinja għall-imħabba ta' ħaddieħor u miskin hu dak li jidher quddiem Alla b'idejh vojta... Hadd ma hu jimxi tajjeb lejn Alla bħalissa, kulħadd qiegħed jimxi kif jaqbel lilu. Niftakru li l-aqwa direzzjoni hi dik li tana l-Mulej, li għandu jkollna l-imħabba bejnietna u lejn xulxin.

Intenni l-istedina tiegħi għal-laqgħa ta' Mejju sabiex flimkien nitolbu lil Alla iħenn mhux biss għal Malta u Għawdex tagħna imma għad-dinja kollha. Nitolbu għall-qdusija tiegħu il-Papa, l-Isqfijiet u s-Saċerdoti kollha. Nitolbu wkoll għall-mexxejja tal-ġnus sabiex ineħħu minn fuqhom is-suppervja u jimtlew bl-umiltà. Mhux sew li kulħadd jgħid li tiegħu dejjem tajjeb, irridu nagħdru lil xulxin, nik-kumpatixxu u nieħdu s-sabar b'xulxin.

Ninsab ċerta għażiż ħija fi Kristu, li inti bis-saħħa ta' l-awtorità li ġiet mogħtija lilek mis-sema, tista' tagħti kontribut kbir biex jintlaħaq l-iskop ewlieni ta' dina l-laqgħa: li lkoll naqbdu id f'id u nitolbu lil Alla jkollu ħniena minn Malta u mid-dinja sabiex issaltan l-għaqda bejn kulħadd u jkollna l-paċi vera, il-paċi dejjiema. Ikun imfaħħar il-Mulej."

# GRAZZJI MAQLUGĦA

## CARMEN B... MINN ĦAL GĦAXAQ

Carmen qaltilna li ftit qabel il-Laqgħa ta' Talb ta' April 1994 kienet ħasset xi uġigħ fil-pulmun u ma stgħetx tieħu nifs sew. Beżgħet li kellha xi ħaġa serja. Marret tikkonsulta t-tobba u saret taf li kellha aktarx xi nerv iffjammat. Qabel ma marret il-Polyclinic biex tieħu *X-Ray* tal-pulmun, talbet bil-ħerqa lill-Madonna u wegħditha li jekk ma jsibulha xejn gravi, hi tattendi il-Laqgħa tal-Girgenti li kien imiss. Carmen qatt ma kienet marret il-Girgenti. Ta' min jgħid ukoll li iż-żjara lit-tobba u l-*X-Ray* għamlithom fl-istess ġurnata. Carmen qalet li 'l *X-Ray* wera bħal bużżieqa li kienet infaqgħet. Sadattant ma kellhiex aktar uġigħ u setgħet tieħu n-nifs mingħajr tbatija. Fit-8 ta' April, Carmen żammet kelmtha u marret tirringrazzja lill-Madonna għall-grazzja li qalgħet, u attendiet għal-laqgħa ta' Talb.

## It-tifel Bjorn Tabone ta' erba' snin

Xi ftit xhur ilu, jien mort nagħmel intervista lil Veronica Tabone, (li toqgħod: Plot 84, "Bjodan Hse.", Gużè Ellul Mercer Street, Msida), li kienet ġiet il-Girgenti fl-4 ta' April 1993, mal-ħabiba tagħha Doris Camilleri, u qrat rapport tal-fejqan tat-tifel tagħha Bjorn. Ir-rapport jgħid hekk: "Bjorn Tabone daħal l-isptar San Luqa fl-*ENT Ward* fl-20 ta' Frar 1993, isofri bi *Croup Fan* (li ma setax jieħu n-nifs). Il-kundizzjoni tiegħu bdiet tkompli teħżien. Għal xi nofsinhar ittieħed fl-*ITU* fejn dam għaxart ijiem. Kemm-il darba ippruvaw ineħħulu il-magna tan-nifs imma kull darba jerġa' jaqta' nifsu. It-tobba ddeċidew jittawlulu fil-pipe tan-nifs fejn instab li għandu xi ftit laħam ħażin. Għamlulu toqba fil-gerżuma minn fejn seta' jieħu n-nifs.

Huwa tela' fl-*ENT Ward* 2 fit-2 ta' Marzu. Fejn il-kundizzjoni tiegħu kienet tajba. Fis-6 ta' Marzu il-professur iddeċieda li jibgħat lil Bjorn id-dar fejn kellha tieħu ħsiebu ommu permezz ta' magna speċjali. Bjorn ħareġ mill-isptar b'tubu tal-fidda fit-toqba tal-gerżuma. It-tifel kellu jibqa' b'dan it-tubu għal żmien mhux magħruf meta l-professur kellu jittawwallu bl-istrument biex jara meta seta' jneħħilu t-tubu biex jieħu n-nifs normali.

Għal xi raġuni it-tubu tal-fidda ħareġ minn postu u Bjorn kien qed jieħu n-nifs minn ħalqu. Ippruvaw jerġgħu jagħmlulu t-tubu imma sabu li t-toqba kienet ġa għalqet u Bjorn seta' jieħu n-nifs normali. Fid-9 ta' Marzu intbagħat id-dar."

Bi spjegazzjoni ta' dan ir-rapport, Veronica tatni l-informazzjoni li ġejja, fil-preżenza tal-ħabiba tagħha Doris Camilleri li toqgħod ma ġenbha. It-tifel kellu erba' snin meta daħal l-isptar u kien tant ħażin li ħasbu li kien se jmut. Meta għamlulu it-tubu tal-fidda, it-tobba stennew li Bjorn kien se jibqa' bih għal żmien twil, jekk mhux għal dejjem. Dan it-tubu kien qisu valv ta' xi 3 jew 4 ċentimetri li parti minnu kienet tidħol fit-toqba tal-gerżuma. Id-dar Veronica kienet tieħu ħsieb tnaddaf dan it-tubu u terġa tagħmilulu fil-gerżuma.

Sadattant, Doris Camilleri, mingħajr ma qalet lil Veronica, marret il-Girgenti titlob lill-Madonna biex tfejjaq lil Bjorn. M'għaddiex ħafna żmien li Veronica indunat li Bjorn kien jieħu n-nifs minn ħalqu. Qabdet it-tifel u ħaditu l-isptar biex il-professur jara x'kien ġara. Dan u sħabu, kienu se jerġgħu jippruvaw jagħmlu t-tubu tal-fidda li kien ħareġ minn postu imma sabu li t-toqba kienet ingħalqet waħeda u t-tifel kien qed jieħu n-nifs normalment. Meta l-professur għarraf lil Veronika x'kien ġara, din, skantata, saqsietu: "Dan miraklu?". Imma l-professur baqa' sieket għax ma setax jifhem kif sar dak li ġara. Meta Veronica għarrfet lil Doris x'kien ġara, din qaltilha kif kienet marret il-Girgenti u rat lil Ġuża Mifsud u talbitha titlob għat-tifel. Min-naħa tagħha Doris ukoll talbet ħafna lil Madonna għall-fejqan ta' Bjorn.

**L-Editur**